MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF ABIGAIL LOFARO

Seduta tat-28 ta' Frar, 2007

Citazzjoni Numru. 336/1992/1

**Silvio Debono ghan-nom u in rapprezentanza tas-socjeta' Seabank Catering Co Ltd**

**vs**

**Joseph Attard**

Il-Qorti:

Rat ic-citazzjoni ppresentata mill-attur nomine fis-27 ta' Marzu, 1992, li *in forza* taghha, wara li ppremetta illi:

L-partijiet kontendenti ffirmaw skrittura privata datata 17 ta' Novembru, 1988 (Dok "X"), li tipprovdi dwar certi obbligazzjonijiet reciproci bejn l-istess partijiet rigwardanti raba fl-Ghadira limiti tal-Mellieha u obbligazzjonijiet ohra bil-mod kif provdut f'dik l-iskrittura;

Illi tali skrittura privata hi kolpita b'vizzju tal-kunsens da parte tal-attur nomine, liema kunsens gie lilu karpit b'qerq mill-konvenut li ghamel dikjarazzjonijiet inveridici, fosthom dik li hu kellu titolu validu fuq ir-raba saqwi li jmiss mal-hotel Seabank, mahdum mill-istess konvenut u meritu tal-ftehim milhuq b'dik l-iskrittura, kif jigi kollox pruvat waqt it-trattazzjoni tal-kawza;

Illi ghalhekk dik skrittura privata hi nulla u bla effett ghall-finijiet u effetti kollha tal-ligi;

Talab lill-konvenut jghid ghaliex din il-Qorti m'ghandhiex:

(1) Tiddikjara u tiddeciedi li l-kunsens moghti mill-attur nomine meta hu iffirma l-iskrittura privata datata 17 ta' Novembru 1988, hu vizzjat ghaliex gie lilu karpit b'qerq mill-konvenut;
(2) Tiddikjara u tiddeciedi li dik l-istess skrittura privata datata 17 ta' Novembru 1988 hi nulla u bla effett ghall-finijiet u effetti kollha tal-ligi u occorrendo tordna ir-rexxissjoni ta' dik l-iskrittura privata u tal-konsegwenti obbligazzjonijiet naxxenti minnha;

Bl-ispejjez kontra l-konvenut, ingunt personalment ghas-subizzjoni, u b'rizerva ta' kull azzjoni ulterjuri, inkluza azzjoni ghad-danni, spettanti lill-attur nomine kontra l-konvenut;

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenut Joseph Attard li *in forza* taghha huwa eccepixxa illi:

1. Fl-ewwel lok illi l-azzjoni attrici hija preskritta ai termini tal-artikolu 1222 tal-Kodici Civili;
2. Illi fit-tieni lok u bla pregudizzju ghall-premess it-talbiet attrici huma infondati fil-fatt u fid-dritt stante li dak kollu li gie miftiehem jinsab redatt fl-iskrittura tas-17 ta' Novembru 1988 u ghalhekk l-istess skrittura hija valida skond il-ligi;
3. Illi fit-tielet lok u bla pregudizzju ghall-premess it-talbiet attrici huma infondati fil-fatt u fid-dritt stante li jirrizulta car mill-kliem stess tal-istess skrittura li tali ftehim

huwa bazat fuq il-fatt li tali raba hemm indikata kienet tigi mahduma mill-konvenut ghal zmien twil;

4. Fil-fatt a bazi ta' din il-premessa saret l-iskrittura citata quddiem ir-rapprezentanti tal-Ministeru tal-Izvilupp ghall-Produzzjoni kif jirrizulta mill-istess skrittura;

5. Salvi eccezzjonijiet ulterjuri;

Rat id-dikjarazzjonijiet guramentati tal-attur nomine u tal-konvenut u l-lista tax-xhieda indikati mill-attur nomine u mill-konvenut;

Rat l-atti kollha tal-process u d-dokumenti esebiti;

Rat in-Nota ta' Osservazzjonijiet ipprezentata mis-socjeta' attrici fit-12 ta' Dicembru, 2006 u in-Nota ta' l-Osservazzjonijiet ipprezentata mill-konvenut fil-23 ta' Jannar 2007.

Ikkunsidrat :

Illi fl-ewwel lok il-Qorti sejra tara jekk l-azzjoni attrici hijiex preskritta ai termini tal-Artikolu 1222 tal-Kodici Civili, l-ewwel eccezzjoni moghtija mill-konvenut fin-Nota ta' l-Eccezzjonijiet tieghu.

Illi l-Artikolu 1222 tal-Kap. 16 jipprovdi kif gej :

"(1) Meta il-ligi f'xi kaz partikolari ma tistabibilixxix zmien aqsar, l-azzjoni ghar-rexxissjoni minhabba vjolenza, zball, eghmil doluz, stat ta' interdizzjoni, jew nuqqas ta' eta, taqa' bil-preskrizzjoni eghluq sentejn.
(2) Dan ighodd ukoll ghar-rexxissjoni ta' obbligazzjonijiet minghajr kawza, jew maghmulin fuq kawza falza."

L-Artikolu 1223 tal-Kap. 16 umbaghad jipprovdi kif gej :

"(1) Iz-zmien tal-preskrizzjoni hawn fuq imsemmi jibda jghodd biss, fil-kaz ta' vjolenza, minn dak in-nhar li l-vjolenza tispicca, u, fil-kaz ta' zball, ta' eghmil doluz, jew ta' kawza falza, minn dak in-nhar li jinkixef id-difett."

Illi l-Avukat difensur ta’ l-attur nomine iddikkjara illi l-preskrizzjoni kif kontemplata fl-Artikolu 1222 tal-Kap. 16 ma tapplikaz fil-kaz odjern ghaliex hawn si tratta ta’ nullita radikali. Huwa issottometta li fi kwalunkwe kaz il-preskrizzjoni ta’ sentejn eccepita mill-konvenut ma tibdix tiddekorri hlief mill-jum li fih jinkixef id-difett, u f’kull kaz il-provi mehtiega biex isostnu l-preskrizzjoni f’dan il-kaz jinkombi fuq il-konvenut. F’dan il-kuntest Dr Aldo Vella ghall-attur ghamel referenza ghas-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appell fl-ismijiet “Marija Zammit kontra Lawrence James Cappello et” Volum XLV! Parti 1 pagna 372 (a fol. 16 u 17 tal-process).

Illi effettivament fis-sentenza imsemmija gie ritentut illi :
“Il-preskrizzjoni bijennali tal-azzjoni ta’ rexxissjoni ta’ kuntratt minhabba vjolenza, zball, eghmil doluz, stat ta’ mara mhux mizzewga, interdizzjoni jew nuqqas ta’ eta, u obbligazzjonijiet minghajr kawza jew b’kawza falza, tibda tiddekorri, fil-kaz ta’ zball, eghmil dolus jew kawza falza, mill-jum li fih jinkixef id-difett.”

Illi l-iskrittura imsemmija fic-citazzjoni u esebita f’dawn l-atti hija datata 17 ta’ Novembru, 1998 . Ic-citazzjoni odjerna giet ipprezentata fis-27 ta’ Marzu, 1992.

Illi mill-provi prodotti, irrizulta illi l-Avukat tar-Repubblika kien ta parir lid-Dipartiment tal-Artijiet illi l-konvenut ma kellux titolu fuq l-art in kwistjoni f’Jannar, 1991 u l-attur nomine ipprezenta ic-citazzjoni tieghu, kif diga inghad, fis-27 ta’ Marzu, 1992 u ghalhekk entro t-termine ta’ sentejn minn meta, skond hu, skopra l-allegat qerq da parti tal-konvenut. Sabiex jigi ipprecizat ahjar, l-attur nomine jikkontendi illi huwa ma kienx jaf illi l-konvenut ma kellux titolu fuq l-art in kwistjoni u sar jaf biss f’Jannar, 1991.

Illi ghalhekk u ghal dawn ir-ragunijiet il-Qorti qeghda tirrispingi l-ewwel eccezzjoni tal-konvenut u tiddikjara illi l-azzjoni attrici mhijiex preskritta ai termini tal-Artikolu 1222 tal-Kodici Civili.

Il-Qorti sejra tghaddi issa sabiex tiddeciedi l-kawza fuq il-meritu.

Illi mill-provi prodotti jirrizulta illi l-attur nomine kellu bzonn bicca raba li tmiss mas-SeaBank Hotel li hija proprjeta tal-kumpannija attrici.  Din il-bicca raba kien thajjar ghaliha peress illi ried jaghmel progett ta' zvilupp u ghalhekk billi kien jara l-konvenut jahdem ir-raba l-attur kien avvicinah bl-iskop li jiehu din il-bicca art minghandu.  L-attur kien jaf li l-art kienet tal-Gvern, izda kien jara lill-konvenut jahdimha u skond hu dak iz-zmien kien jahseb illi il-konvenut kellu xi titolu fuq din l-art.  Peress illi l-attur ma ftiehemx dwar prezz ta' kumpens sabiex il-konvenut johroglu mill-art, kien avvicina lid-Dipartiment ta' l-Agrikoltura.   In segwitu kien hemm laqghat ma rapprezentant tal-Ministeru tal-Agrikoltura u ma rapprezentant tal-Unjoni tal-Bdiewa.  L-attur kien iddikjara ma dawn il-persuni li kien lest illi jikkumpensa lill-konvenut bil-mod illi isib bicca raba ohra ta' l-istess kejl u jaghtiha lill-konvenut sabiex dan ikun jista jahdimha, u r-rapprezentant tad-Dipartiment ta' l-Agrikoltura kien qabel ma dan il-ftehim.

L-attur xehed illi wara li iffirma l-iskrittura tas-17 ta' Novembru, 1988 flimkien mal-konvenut, u "flimkien ukoll ma rapprezentant tad-Dipartiment tal-Agrikoltura, huwa beda negozjati mal-Kummissarju tal-Artijiet sabiex jakkwista din l-art.  L-attur testwalment xehed illi "s-socjeta' attrici kienet interessata fl-akkwist ta' hamest itmiem raba li minnhom tomna biss kienet f'idejn  il-konvenut".  L-attur kompla jixhed illi l-Perit tad-Dipartiment tal-Artijiet, il-Perit Sciberras, kien ghamel stima ghal dawn il-hamest itmien raba ta' kwart ta' miljun lira (LM250,000) u hu kien qal lill-Kummissarju ta' l-Art illi huwa ma setghax ihallas dan il-prezz peress illi ried jikkompensa lill-bdiewa li kienu hargulu mill-art.  Skond l-attur, il-Kummissarju ta' l-Artijiet qallu li hu ma kienx obbligat illi jikkumpensa lil dawn il-bdiewa ghaliex dawn ma kellhomx titolu fuq ir-raba.  Il-Kummissarju tal-Art kien qallu wkoll illi huwa ma kellu xejn x'jaqsam mal-iskrittura li l-attur kien iffirma mal-konvenut, ghaliex hu ma kienx ha ebda parti fid-diskussjonijiet li kienu saru qabel ma giet iffirmata l-iskrittura imsemmija.  L-attur ghadda sabiex xtara l-art minghand id-Dipartiment tal-Artijiet u l-kuntratt gie

ippubblikat fil-15 ta’ Frar, 1991. L-attur kien iddecieda u kien informa lill-Kummissarju ta’ l-Art illi ma kienx ser jikkompensa lill-bdiewa, la darba dawn ma kellhom l-ebda dritt fuq l-art.

Illi Albert Mamo, rapprezentant tad-Dipartiment ta’ l-Artijiet, ikkonferma li fis-17 ta’ Jannar 1991, id-Dipartiment ta’ l-Artijiet inghata l-parir minghand l-Avukat Generali illi l-konvenut ma kellu l-ebda titolu ta’ lokazzjoni jew xorta ohra fuq l-art in kwistjoni u effettivament, fuq parir ta’ l-Avukat Generali, l-konvenut gie zgumbrat mill-ghalqa in kwistjoni.

Illi l-attur ippreciza illi qabel ma iffirma l-iskrittura imsemmija mal-konvenut, hu kien jara lill-konvenut u lil missieru jahdmu r-raba u kien avvicina lil missier il-konvenut. Flimkien kienu marru id-Dipartiment ta’ l-Agrikoltura u hemmhekk qalulu illi huwa kellu jikkompensa lill-konvenut fis-sens illi jekk dan ghandu tomna raba huwa ghandu jaghtih tomna raba ohra. Mistoqsi jekk qattx talab xi dokumenti lir-rapprezentant tad-Dipartiment ta’ l-Agrikoltura, l-attur wiegeb illi ma talab l-ebda dokumenti ghaliex huwa kellu f’mohhu drittijiet u meta jghid illi kellu f’mohhu drittijiet irid ifisser illi l-konvenut kellu raba bil-qbiela u allura irid jigi kompensat minhabba f’hekk (fol. 36 tal-process). L-attur xehed ukoll illi huwa qatt ma talab ircevuti minghand il-konvenut. Huwa minghalih illi l-art kienet bi qbiela u halla fil-kuxjenza taghhom. L-attur kompla jixhed “jiena qatt ma staqsejt lil Joseph Attard il-missier, jew lill-konvenut jekk kienux fir-raba bit-titolu ta’ qbiela”. Mistoqsi jekk l-iskritta l-iskrittura esebita a fol. 5 tal-process iffirmahiex bil-kondizzjoni illi Attard kellhom titolu ta’ qbiela, l-attur wiegeb illi ma ghamel l-ebda kondizzjoni f’dan is-sens u li huwa dejjem kien jahseb illi kienet ghand il-konvenut bi qbiela (fol. 36 tal-process). L-attur xehed ukoll illi l-konvenut ma kienx l-uniku gabillott li irranga mieghu biex jizviluppa is-Sea Bank Hotel u li kien hemm tlett gabillotti ohrajn li wkoll irranga maghhom u dana qabel ma ghamel il-kuntratt mal-Lands fl-1991. L-attur xehed illi ma dawn it-tlieta minn nies kien irranga mhux ghax kellhom id-dritt ta’ qbiela, imma ghax hass illi kellu jaghtihom kumpens (a fol 37 u 38 tal-process). Aktar

tard, l-attur xehed illi lil dawk it-tlett gabillotti l-ohrajn kien hallashom kumpens. Huwa qal hekk testwalment "Jiena kont tajt dan il-kumpens mhux ghax dawna kellhom xi drittijiet, imma ghax jien kelli progett li ridt nibdih malajr kemm jista jkun u allura jien hassejt illi jkun fl-interess tieghi illi naghtihom dan il-kumpens biex johorguli u ma jkollix inkwiet. Fil-fatt, dawn hargu mir-raba in kwistjoni minghajr problemi ta' xejn. Jien fil-bidu kont kellimt lil dawn it-tlieta u kont anke kellimt lil missier il-konvenut u ghidtilhom bil-progett illi kelli fir-rigward dan ir-raba u l-hsieb li jiena nixtri din ir-raba u bqajt maghhom illi meta nasal biex nakkwista nerga' inkellimhom" (fol. 41 tal-process).

L-attur xehed ukoll illi l-Kummissarju ta' l-Art kien qallu illi mhux biss il-konvenut ma kellu l-ebda titolu fuq l-art, izda lanqas it-tlett gabillotti l-ohrajn ma kellhom titolu. Aktar tard fix-xiehda tieghu l-attur xehed li huwa kien minghalih li l-gabillotti kollha kellhom drittijiet. Pero' umbaghad aktar tard irrizultalu illi dawn ma kellhomx drittijiet, ma kienux hemmhekk bi qbiela.

Ikkunsidrat :

Illi l-azzjoni attrici hi ibbazata fuq l-Artikolu 1212 tal-Kodici Civili li jiddisponi illi :
"Kull ftehim li fih tkun nieqsa xi wahda mill-kondizzjonijiet essenzjali sabiex kuntratt ikun jiswa, jew li l-ligi tiddikjara espressament li hu null, hu suggett ghar-rexxissjoni".

L-Artikolu 966 (b) ta' l-istess Kodici Civili jghid li
"il-kunsens ta' dak illi jobbliga ruhu" huwa wiehed mir-rekwiziti essenzjali sabiex kuntratt ikun jiswa u dan il-kunsens jigi newtralizzat f'kaz li jkun vizzjat b'qerq.

L-Artikolu 981 tal-Kodici Civili jiddisponi fil-fatt li
"L-eghmil doluz huwa motiv ta' nullità tal-ftehim, meta l-inganni maghmulin minn wahda mill-partijiet ikunu tali illi minghajrhom il-parti l-ohra ma kenitx tikkuntratta.

Is-subartikolu (2) ta' dan l-Artikolu jiddisponi umbaghad li :

“L-eghmil doluz ma jistax ikun prezunt, imma ghandu jigi ppruvat”

Illi permezz ta’ sentenza deciza mill-Prim’ Awla tal-Qorti Civili fl-20 ta’ Marzu, 2003 fl-ismijiet “Joseph Aquilina et kontra Alfred Ellul” gie ritenut illi :
“L-elementi tad-dolus huma ben definiti fil-gurisprundenza u fid-duttrina. Biex ikun hemm id-dolo jridu jikkonkorru erba’ elementi, li huma : (a) l-intenzjoni li jqarraq da parti tal-parti l-ohra; (b) l-eghmil doluz irid ikun gravi; (c) id-dolo trid tkun determinanti biex gie iffirmat il-kuntratt; u (d) id-dolo irid ikun sehh bil-partecipazzjoni, attiva jew passiva, tal-parti l-ohra”.

Illi sabiex il-qerq ikun gravi irid ikun tali li persuna ta’ dehen ordinarju ma jaghrafx li jkun gie imqarraq, irid imur lil hinn mill-ftahir ezagerat dwar xi kwalita ta’ l-oggett tan-negozju, u irid ikun tali illi li kieku ma kienx ghal dak il-qerq il-persuna ma kenitx tasal ghan-negozju in kwistjoni. (Ara sentenza deciza mill-Prim’Awla tal-Qorti Civili fl-4 ta’ Frar, 1965 fl-ismijiet “Mifsud nomine v Tanti” (Kollazzjoni, Volum XLIX.ii.722.

Illi peress illi l-ghemil doluz ma jistax jigi prezunt, il-parti li tallega illi l-kunsens taghha kien milqut mill-vizzju tal-qerq trid tipprova dan il-fatt.

Illi permezz ta’ sentenza deciza mill-Prim’Awla tal-Qorti Civili fit-28 ta’ Lulju 2004 fl-ismijiet “George u Miriam konjugi Portelli kontra Ivan John Felice” gie deciz :
“Illi l-qerq ma jistax jiġi allegat meta l-fatti setgħu jiġu stabiliti bla xkiel jew diffikulta’ żejda mill-parti li tallega l-qerq, għaliex f’każ bħal dan ix-xilja ta’ qerq ma tkunx għajr skuża faċli biex wieħed jaħrab milli jwettaq ir-rabtiet li jkun daħal għalihom mal-persuna li allegatament użat il-qerq. Fuq kollox, għall-kuntrarju ta’ dak li huwa meħtieġ meta jiġi allegat l-iżball, fil-każ tal-qerq l-effett tal-egħmil doluż ma hemmx bżonn li jaqa’ fuq is-sustanza tal-oġġett tan-negozju li jkun.”

Illi ghalhekk fil-kaz odjern l-attur nomine irid jipprova illi l-konvenut uza raggiri, u li kienu dawn ir-raggiri li inducewh

jikkonkludi l-iskrittura privata in kwistjoni. Kif diga gie rilevat, l-eghmil doluz irid ikun gravi u determinanti b'mod li dik il-parti li sofriet l-ingann ma kienitx tasal ghal dak il-ftehim kieku ma kienx hemm dan l-ingann. (Ara sentenza tal-Qorti Civili Prim Awla "Carmelo Barbara v Emmanuele Schembri" deciza fis-16 ta' Gunju, 1955).

Ikkunsidrat :

Illi l-Qorti tara, mill-kumpless tal-provi prodotti quddiemha, illi l-konvenut ma uza l-ebda ingann fit-trattattivi illi huwa ghamel mal-attur nomine, ahseb u ara qerq ta' natura gravi. Lanqas ma jirrizulta illi l-konvenut haddem xi mezzi, jew atti qarrieqa fil-konfront ta' l-attur nomine. L-attur nomine stess xehed, kif diga intqal aktar 'il fuq f'dan il-gudikat, illi huwa kien jaf illi l-bdiewa l-ohrajn ma kellhom l-ebda titolu fuq l-art in kwistjoni u huwa dahal fi ftehim maghhom bhalma ghamel mal-konvenut odjern sabiex jehles minnhom u johorgulu mill-art ghaliex huwa kien mghaggel sabiex jizvilluppa is-sit in kwistjoni.

Illi minn ezami ta' l-iskrittura privata illi l-attur nomine qieghed jipprova jottjeni dikjarazzjoni ta' nullita taghha, imkien ma jissemma li l-konvenut, jew missieru, ghandhom xi titolu fuq l-art in kwistjoni. Effettivament, fl-ewwel paragrafu ta' l-iskrittura, li tinsab esebita a fol. 5 tal-process hemm imnizzel illi :

"Peress illi s-Sinjuri Debono, sidien tas-Seabank Catering Co Ltd, limiti tal-Ghadira, Mellieha, ghandhom bzonn ir-raba saqwi, li jmiss mal-Hotel Seabank, li hu mahdum, (sottolinejar ta' din il-Qorti), minn Joseph Attard, intlahaq ftehim miz-zewg nahat b'dawn il-kundizzjonijiet. "Il-klawzoli l-ohra fl-iskrittura privata jitkellmu dwar kif l-attur nomine ser jaghti bicca art ohra saqwija lill-konvenut u kif ser jipprovdielu l-ilma ghal din l-art. Fl-ahhar paragrafu hemm inmizzel hekk :
"Dan il-ftehim qieghed isir mis-Sur Silvio Debono bhala rapprezentant tas-Seabank Catering Ltd Ghadira u mis-Sur Joseph Attard bidwi, fil-prezenza tas-Sur Anthony Mifsud, ufficjal tal-Biedja, tas-Sur Manwel Spiteri, ufficjal fil-Ministeru tal-Izvilupp ghall-Produzzjoni, tas-Sur Mario

Callus, Manager ta’ Koperattiva, u tas-Sur Joseph Attard”, (li jigi missier il-konvenut).

Illi mhijiex verosimili x-xiehda ta’ l-attur fejn l-ewwel ighid illi huwa kien jaf illi l-bdiewa ma kellhom l-ebda titolu fuq l-art in kwistjoni u ried jikkumpensahom semplicement biex ifittex jehles minnhom kemm jista jkun malajr, umbaghad fl-istess nifs ighid illi assuma li kellhom titolu ta’ lokazzjoni. Hija verosimili invece l-ewwel parti tax-xiehda tieghu u senjatament fejn ighid illi huwa kien konsapevoli mill-fatt illi l-bdiewa kollha, inkluz il-konvenut in kwistjoni, ma kellhom l-ebda titolu fuq l-art in kwistjoni, izda huwa ried jehles minnhom u b’hekk offra li jikkumpensahom billi isibilhom art ohra li huma jkunu jistghu jahdmu.

Illi li gara kien illi meta l-attur sar jaf minghand il-Lands Department li huwa ma kellu l-ebda obbligu illi jikkompensa lill-bdiewa, qabad u iddecieda li allura ma jikkompensax lill-konvenut. Il-konvenut fetahlu kawza u kien ghalhekk u ghalhekk biss illi l-attur fetah il-kawza odjerna.

Illi dan kollu isib il-konfort ukoll fix-xiehda ta’ Anthony Mifsud, Ufficjal inkarigat mill-Lands and Water Division fid-Dipartiment ta’ l-Agrikoltura li kien firmatarju fuq l-iskrittura in kwistjoni, illi xehed illi huwa kien jaf illi l-konvenut ma kellux titolu fuq l-art in kwistjoni peress illi c-cens tieghu kien ghalaq. Is-Sur Anthony Mifsud xehed ukoll illi d-diskussjonijiet kienu saru mal-attur u mal-konvenut u anke ma missier il-konvenut u d-diskussjonijiet saru fuq il-bazi illi r-raba kien cens maghluq. Effettivament, a fol. 59 tal-process huwa xehed hekk : “L-understanding ta’ kullhadd kien li dan kien cens maghluq”. Anthony Mifsud rega’ tenna dan a fol. 78 tal-process meta xehed “il-bazi ta’ l-iskrittura kienet illi l-bidwi kien qieghed jokkupa il-bicca raba in kwistjoni”.

Effettivament, kif diga intqal, jirrizulta bl-aktar mod car illi t-titolu o meno li l-konvenut setgha jkollu fuq l-art in kwistjoni qatt ma kienet konsiderazzjoni, jew wahda mill-konsiderazzjonijiet li setghet b’xi mod tifforma l-bazi ta’ l-iskrittura privata esebita a fol. 5 tal-process. L-unika haga

li kienet tinteressa lill-attur nomine f'dik l-iskrittura, kif jirrizulta mill-istess skittura, kienet illi l-konvenut kien qieghed jahdem dik l-art u li hu kien bidwi u illi l-attur ried jaghmel in-negozju, ried jizviluppa l-art in kwistjoni u ghalhekk ftiehem mal-konvenut illi ipartu l-art sabiex b'hekk kullhadd ikun kuntent, l-attur jizvilluppa l-art in kwistjoni ghall-progett tieghu u l-konvenut jinghata bicca art ohra ta' l-istess daqs u saqwija sabiex ikun jista jkompli jahdimha bhala bidwi.  Dan kollu gie wkoll konfermat kemm mill-konvenut, kif ukoll minn missieru Joseph Attard.

Illi effettivament il-konvenut, fl-affidavit tieghu, xehed Illi matul l-inkontri kollha li kienu saru qabel ma giet iffirmata l-iskrittura l-attur nomine kien gie infurmat aktar minn darba mill-awtoritajiet kompetenti illi hu u missieru kienu ilhom jahdmu din  ir-raba saqwi ghal numru konsiderevoli ta' snin u "d-diskussjonjiet relattivi ghall-istess ftehim dejjem saru bl-intendiment car illi r-raba kienet ilha tinhadem mill-familja tal-konvenut ghal zmien twil u kienet ghadha qeghda tigi mahdmuma minnu."  Il-konvenut kompla ighid fl-affidavit tieghu illi wara li gie iffirmat il-ftehim, hu u l-familja tieghu baqghu jahdmu l-art ghal xi sena u nofs ohra.  Gurnata minnhom il-konvenut mar l-ghalqa u sab diversi ingenji u gaffef li kienu qeghdin jeqirdu l-wicc ta' l-ghalqa u jaqghalghu l-prodotti mizrughin.  Meta l-konvenut kellem lill-attur nomine l-unika haga li dan qallu kienet "Morru lil hemm ghaliex issa ma hemmx il-Qorti?"  Il-konvenut kien kellem lill-Avukat tieghu u fetah kawza kontra l-attur nomine u sussegwentement l-attur nomine fetah din il-kawza. Illi din ix-xiehda tal-konvenut ma giet bl-ebda mod kontraddetta mill-attur nomine.

Il-Qorti tara illi l-attur nomine ma irnexxielux jipprova id-dolo u dana  peress illi ma giex ippruvat l-ingann u l-intenzjoni frawdolenti da parti ta' l-konvenut u lanqas ma gie muri li gew uzati xi raggiri, jew maneggi hekk gravi li jostakolaw il-formazzjoni tal-kunsens (l-ewwel zewg elementi tad-dolo).  Una volta ma giex ippruvat id-dolo, lanqas ma gie ippruvat it-tielet element illi d-dolo irid ikun determinanti biex jigi iffirmat il-kuntratt, u lanqas ir-raba

element ma jirrizulta, u cioe' li d-dolo irid ikun sehh bil-partecipazzjoni attiva jew passiva tal-parti l-ohra. Ghalhekk l-erba' elementi rikjesti sabiex tirnexxi din it-tip ta' azzjoni ma gewx ippruvati.

Ghaldaqstant, ghar-ragunijiet premessi, din il-Qorti tiddeciedi din il-kawza billi tichad it-talbiet attrici bl-ispejjez kontra taghhom.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------